MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 798/1994/1

**Matthew Hayes bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Hayes Insurance Agency Ltd**

**Vs**

**Joseph Farrugia bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Carmelo Farrugia Melfar Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fl-14 ta' Lulju, 1999. Sabiex wiehed jifhem x'wassal ghal dan l-appell, tajjeb li wiehed jelenka l-kronologija tal-fatti.

2. Ic-citazzjoni, prezentata fl-1 ta' Gunju, 1994 bdiet bhala wahda bil-giljottina. Fic-citazzjoni l-attur talab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm1,453.76c dovuta lill-istess attur bhala premium tal-assigurazzjoni li huwa hareg b'inkarigu tal-konvenut u fuq struzzjonijiet tieghu. Fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 1994, izda, il-Prim Awla, wara li semghet lill-konvenut bil-gurament (l-attur ma deherx) awtorizzat lill-istess konvenut jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata minn dak il-jum.

3. In-nota ta' eccezzjonijiet giet debitament prezentata fit-22 ta' Gunju, 1994. Kontestwalment ma' l-imsemmija nota l-konvenut ipprezenta kontro-talba li fiha talab, fost affarijiet ohra, li l-attur jigi kkundannat ihallsu (cioe` lill-konvenut nomine) s-somma ta' Lm785.69c. Fid-19 ta' Lulju, 1994 l-attur ipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro-talba.

4. Isegwu, imbaghad, mill-4 ta' Novembru, 1994 sat-28 ta' Frar, 1997 sensiela ta' differimenti motivati principalment mill-fatt li l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal ftehim bejniethom. Jidher li fl-ahhar l-ewwel Qorti tilfet il-pacenzja u meta fl-udjenza tat-13 ta' Gunju, 1997 ma deher hadd, iddifferiet il-kawza *sine die.*

5. L-attur nomine, fit-28 ta' Lulju, 1997 ipprezenta rikors ghar-riappuntament tal-kawza, u dan gie akkordat b'digriet tad-29 ta' Lulju, 1997. Il-Qorti rriappuntat il-kawza ghas-16 ta' Dicembru, 1997[1]. Fl-udjenza tas-16 ta' Dicembru, 1997 ma sar xejn minhabba indisposizzjoni ta' l-Imhallef sedenti, u l-kawza thalliet ghat-28 ta' April, 1998.

---

[1] Ghalkemm id-digriet bil-miktub ta' l-Imhallef sedenti f'dik il-Qorti donnu jaqra "16 ta' Ottubru" u anke l-kopja dattiloskritta tirreferi ghas-16 ta' Ottubru, 1997, l-avviz ghas-smigh mill-gdid hareg bid-data tas-16 ta' Dicembru, 1997.

6. Fit-28 ta’ April, 1998 deher l-avukat ta’ l-attur u talab differiment “ghan-notifika tal-konvenut bir-riappuntament” (ara fol. 36). Din it-talba x’aktarx saret ghax fit-28 ta’ April, 1998 ir-riferta tan-notifika tal-partijiet (illum inserita a fol. 34C tal-process) kienet ghadha ma dahlitx fil-process. Minn din ir-riferta jirrizulta (ghall-anqas *prima facie* in vista ta’ l-appell interpost) li l-partijiet kienu gew notifikati bir-riappuntament: l-attur fis-7 ta’ Awissu, 1997 u l-konvenut fid-9 ta’ Awissu, 1997. Irrizulta in segwitu li dawn in-notifiki ma kienux saru mill-marixxall direttament izda saru bis-sistema tal-posta. Mit-28 ta’ April, 1998 il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Gunju, 1998.

7. Fit-12 ta’ Gunju, 1998 meta ssejhet il-kawza deher biss l-avukat tal-attur li “talab differiment biex jikkomunika mal-kontro-parti u ghal probabbli cessjoni”. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Dicembru, 1998.

8. Fl-1 ta’ Dicembru, 1998, meta ssejhet il-kawza, ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ April, 1999. Fid-9 ta’ April, 1999 deher biss l-avukat ta’ l-attur li “ikkonferma li ma kienx intlahaq ftehim u, ghalhekk, kien ser iressaq il-provi”. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha, bl-intiza li wara tithalla ghas-sentenza, ghall-11 ta’ Gunju, 1999 wara l-11.30 am. Ghandu jinghad li fuq il-kopja tal-verbal tad-9 ta’ April, 1999 (fol. 39) hemm il-visto ta’ l-Avukat Dott. Robert Mangion, wiehed mill-firmatarji tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut.

9. Fil-11 ta’ Gunju, 1999 deher l-attur (il-verbal ma jispecifikax jekk deherx l-avukat tieghu), u dana ta d-deposizzjoni tieghu. Xehed ukoll Joseph Agius prodott mill-attur. Il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-14 ta’ Lulju, 1999.

10. Fil-frattemp giet prezentata nota, fit-8 ta’ Lulju, 1999, mill-Avukat Dott. Robert Mangion li biha informa lill-Qorti li huwa kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju “tal-konvenuti” [recte: tal-konvenut jew tas-socjeta` konvenuta].

11. Fl-14 ta’ Lulju, 1999 il-Prim Awla tat is-sentenza taghha. Permezz ta’ din is-sentenza gew michuda l-

kontro-talbiet tas-socjeta` konvenuta filwaqt li intlaqghet it-tieni talba tal-attur noe b'mod li s-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,453.76c, bl-ispejjez u l-imghax ukoll kontra s-socjeta` konvenuta.

12. Is-socjeta` konvenuta qed tappella fuq l-aggravju li hi qatt ma giet notifikata bir-riappuntament tal-kawza minn *sine die*, b'mod, ghalhekk, li hi qatt ma nghatat l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha quddiem l-ewwel Qorti qabel ma din ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza taghha. Skond is-socjeta` konvenuta appellanti, il-firma tad-"destinatarju" fuq il-*pink card* tal-posta la kienet ta' Joseph Farrugia u anqas ta' xi impjegat tas-socjeta` konvenuta (ghalkemm l-indirizz kien korrett, u cioe` l-indirizz [tax-xoghol] tas-socjeta` konvenuta). Il-konvenut nomine ikkonferma dan bil-gurament kemm fl-udjenza tad-9 ta' April, 2001 quddiem din il-Qorti (diversament komposta) kif ukoll fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2001. Mill-kumpless tal-provi li nstemghu quddiem din il-Qorti jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imsemmija firma fuq il-*pink card* ma kienitx ta' l-imsemmi Joseph Farrugia (ara wkoll id-deposizzjoni ta' Johann Demicoli tat-12 ta' Gunju, 2002), u anqas jirrizulta li kienet ta' xi hadd li kien awtorizzat li jircievi l-posta a nom ta' Joseph Farrugia jew a nom tas-socjeta` konvenuta. Ta' min effettivament kienet dik il-firma baqa' ma giex stabbilit.

13. Issa ma hemmx dubbju li l-avviz ghar-riappuntament, bhall-avviz ta' l-ewwel smigh, ghandu jigi notifikat lill-parti nnifisha u mhux lil haddiehor (ara Artikolu 182(2), Kap. 12). L-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi ghal kif ghandha ssir in-notifika lil persuna fizika:

**In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha…**

Meta si tratta ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta n-notifika lil dak il-korp ghandha ssir, skond l-Artikolu 187(4), billi tithalla kopja ta' l-iskrittura *"fl-ufficju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew…f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A bil-mod provdut fis-subartikoli (1) ta' dan l-Artikolu".* Il-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181A huma il-persuna jew persuni li ghandhom ir-rappresentanza guridika ta' dak il-korp, kull segretarju tal-kumpanija, u kull persuna ohra awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li taghmel dikjarazzjonijiet, nota ta' eccezzjonijiet jew xi skrittura ohra simili. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi sodisfatta, mill-provi li nstemghu fil-mori ta' l-appell, li n-"notifika" tal-avviz tar-riappuntament ma kienet konformi ma ebda wahda minn dawn id-disposizzjonijiet.

14. L-appellat jikkontendi fir-risposta tieghu li galadarba l-avukat tas-socjeta` konvenuta kien irrinunzja ghall-patrocinju (permezz tan-nota, aktar 'l fuq imsemmija, tat-8 ta' Lulju, 1999), il-konvenut nomine kellu minnufih jipprezenta rikors biex jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li jressaq il-provi. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, dan l-argument kien <u>forsi</u> jkollu xi validita` li kieku hemm xi prova, imqar indizjarja, li l-Avukat Mangion, qabel ma rrinunzja ghall-patrocinju, kien ikkomunika mal-konvenut u gharrfu bil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' April, 1999. Fic-cirkostanzi ma jista' b'ebda mod jinghad li s-socjeta` konvenuta kienet b'xi mod taf fi zmien utili bir-riappuntament tal-kawza.

15. Ghalhekk f'dan il-kaz jirrizulta sodisfacentement pruvat li kien gie pregudikat il-jedd tas-socjeta` konvenuta ghal smigh xieraq (Artikolu 790, Kap. 12).

16. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tordna li l-partijiet jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu fiha immedjatament wara

d-digriet tad-29 ta' Lulju, 1997, u tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lura, a kura tar-Registratur, lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din, wara li tisma' l-provi tal-partijiet, tiddeciedi fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet rispettivi taghhom skond il-ligi. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu determinati flimkien mal-gudizzju finali li ghad trid taghmel dik il-Qorti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------